**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 18 ta' Mejju 2022**

Rikors Numru: 118/22 AL

A B

u

C B

(MR Nurmu 1581/1996)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettew:

1. Illi huma żżewgu nhar it-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elf disgha mija u sitta u disghin (1996), certifikat taz-Zwieg esebit, anness u mmarkat Dok.' A';

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt (2) itfal, D B li twieldet fit-8 ta' Marzu 2000 u E B fil-21 ta'Mejju 2001 li llkoll twieldu gewwa l-Pieta, Malta ;

3. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is separazzjoni personali permezz ta kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo' datat l-erbgha u ghoxrin (24)) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn (2002), kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni esebit, anness u mmarkat Dok. 'B';

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba' (4) snin legalment separati, illum kull parti tghix hajja totalment separata minn xulxin ;

5. Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovut lil mara, u r-ragel dejjem onora u hallas il-manteniment dovut skond klawzoli hamsa (5) ittra (ii) (F) u hamsa (5) (iii) tal kuntratt ta' separazzjoni anness;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal otteniment tad-Divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbu lil dina l-Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavits bix-xiehda tal-partijiet;

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta’ Marzu, 2022;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta' Ottubru, 2002;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.